**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2004**

Taqsima ta' L-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI KLASSI** | **MALTI** | **ĦIN: Sagħtejn**

Isem:____________________________________ Klassi:__________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 23 | 6 | 5 | 8 | 15 | 16 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet :



# Iż-Żgħażagħ u l-*Mobile*

Ilna nisimgħu dwar jekk il-*mobile* huwiex ħażin għas-saħħa. Huwa minnu li l-antenna tal-*mobile* wara xi żmien tista' tagħmel ħsara lis-saħħa. Kollox jiddependi mill-użu tajjeb tal-*mobile.* *(par.1)*

F'dawn l-aħħar xhur f'Malta splodiet il-manija tal-*mobile.* Mill-kbar saż-żgħar, kulħadd iġġennen biex jakkwista wieħed. Kulħadd irid l-aħħar mudell, dak li joqgħod fil-but u li jdoqq il-melodiji l-aktar moderni u li għandu kuluri sbieħ… Tmur fejn tmur tisma' d-daqq tal-*mobile* u tara nies b'idhom imwaħħla ma' widinthom. *(par. 2)*

Tajjeb għalhekk li nirrispettaw ftit regoli f'**dak** li għandu x'jaqsam mal-*mobile* :

- Żomm f'moħħok li d-daqq tal-*mobile* tiegħek jista' jdejjaq lil dak li jkun ħdejk. Ftakar dejjem li għandek titfih f'ambjenti pubbliċi bħalma huma fil-knisja, fis-swali taċ-ċinema jew waqt xi laqgħa.
- Jekk qed tistenna messaġġ importanti u qiegħed f'ambjent pubbliku, itfi l-*mobile* jew ħalli l-*answering machine.*
- Meta ċċempel jew twieġeb, **tbiegħed** ftit min-nies ta' madwarek. Tgħajjatx b'kemm għandek saħħa għax ħaddieħor ma jridx ikun jaf x'qed tgħid u wkoll ma tridx iddejjaq in-nies.
- Oqgħod attent għal kemm qed tonfoq flus biex tibża' għall-but tiegħek. *(par. 3)*

L-iżvantaġġi tal-*mobile* huma ħafna. It-tfal qed ikollhom aktar distrazzjonijiet minn qatt qabel għax qegħdin jintilfu jibagħtu l-messaġġi lil xulxin. Hemm iċ-ċans ukoll li jkissru jew jitilfu l-*mobile.* Dawn il-*mobiles* qegħdin ukoll joħolqu pressjoni żejda fuq tfal sħabhom li m'għandhomx *mobile.* Għalhekk jikbru l-konflitti fil-familji dwar jekk għandux jingħata *mobile* lit-tfal. *(par. 4)*

Biex tapprezza dak it-telefon ċkejken li joqgħod fil-pala ta' idek, jaqbel taħdem għalih int u titgħallem tieħu ħsiebu. *(par. 5)*

(Addattament minn artiklu ta' Rosalba Ebejer Catania)

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

1. Għaliex huwa importanti li nagħmlu użu tajjeb mill-*mobile* ? *(par. 1)* ____________________

   ____________________________________________________________ (1)

2. Immarka l-frażi li turina l-idea ewlenija tat-tieni paragrafu.

| | |
|---|---|
| a) Kulħadd jixtieq li jkollu l-aħħar mudell. | |
| b) Kulħadd imġennen biex ikollu *mobile.* | |
| ċ) Kulħadd irid *mobile* b'kuluri sbieħ. | |

(1)

3. Għaliex huwa importanti li titfi l-*mobile* f'ambjenti pubbliċi? *(par. 3)*

________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

4. X'għandek tagħmel meta ċċempel jew twieġeb il-*mobile*? *(par. 3)*

______________________________________________________________________ (1)

5. Semmi tliet żvantaġġi tal-*mobiles. (par. 4)* ________________________________________

________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (23 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Liema kelma mit-tieni paragrafu qiegħda tintuża flok il-kelma **ġenn** ? __________________ (1)
2. Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom dimostrattiv **dak** f'paragrafu tlieta ? __________________

   ______________________________________________________________________ (1)
3. Mit-tielet paragrafu ikteb il-verb li jgħidlek x'għandek tagħmel bil-*mobile* meta tkun f'ambjent pubbliku u qed tistenna messaġġ importanti. ____________________ (1)
4. Għaliex taħseb li l-kittieba qiegħda tgħid, *dak it-telefon ċkejken li joqgħod fil-pala ta' idek* ? *(par. 5)* ________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

1. Fisser : *nirrispettaw ftit regoli (par. 3)* ________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)
2. X'verb ieħor tista' tuża flok **tbiegħed** fit-tielet paragrafu? ________________________ (1)
3. Fisser: *biex tibża' għall-but tiegħek. (par. 3)* __________________________________ (1)

### (iii) SINTASSI/SENTENZA

Aqleb is-sentenza fil-plural.

Żomm f'moħħok li d-daqq tal-*mobile* tiegħek jista' jdejjaq lil kulħadd.

________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA** (14–il marka)

Aqra dawn l-aħbarijiet u fl-ispazju pprovdut ikteb it-tweġiba skond kif mitlub fil-parentesi.

1. ____________________ itfal ( ikteb in-numru **4** f'ittri ) Ċeki għandhom imnejn jittellgħu l-qorti wara li ______________ (oħroġ verb miz-zokk morfemiku **pubblik**) l-aħħar ktieb ta' *Harry Potter*. Huma __________________ (għaqqad il-verb **poġġa** mal-pronom **h**) fuq l-*internet.*

   "Aħna ______ ________________ ( agħti n-negattiv ta' **ħaseb** ) li b'dak li għamilna konna qed ________________ (oħroġ verb mill-għerq **r-f-s**) d-drittijiet ta' l-awtriċi," qal wieħed _________ tfal (għaqqad il-partiċella **minn** ma' **l-artiklu** ) ____________ ġurnalisti. (agħżel it-tajba : lil, lill-, lil-)

2. Fl-Eġittu, il-pulizija _____________________ (nissel il-verb minn **arrest**) raġel ta' _______________sena (ikteb **19** f'ittri) wara li nqabad ____________ (oħroġ verb mill-għerq **ż-b-ġħ**) iż-żebbuġ aħdar b'*shoe polish* iswed. Meta uffiċjali mid-Dipartiment tas-Saħħa __________ (agħti l-verb **beda** fil-perfett) ____________ (oħroġ verb mill-għerq **f-t-x**) fil-ħanut ta' Mohammed, sabu ħafna żebbuġ aħdar miżbugħ iswed. Mohammed qal ______ uffiċjali (agħżel it-tajba : 'l-, 'il-, 'l) li huwa kien jagħmel hekk għaliex iż-żebbuġ aħdar kien irħas minn dak iswed. Ir-raġel qed jissogra li jeħel ___________snin (ikteb **3** f'ittri) ħabs.

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

**QWIEL u IDJOMI**

**Imla l-vojt bit-tifsira tal-qawl jew ta' l-idjoma.**

1. **mar-radd tas-salib -** __________________________________, arah lil Mark jaqbad l-imbierek *mobile* u jibda jtektek biex jibgħat il-messaġġi.
2. Rachel sellfet ktieb lil ħabibitha iżda ommha qaltilha biex toqgħod attenta dwar is-self għax, **is-self joħroġ jidħak u jidħol jibki.** ______________________________________________

   ______________________________________________

3. Id-direttur innota li malli jibgħat liż-żewġ ħaddiema fuq xogħol ġdid, dawn dejjem kienu **jilagħbuha tal-ħmir biex ma jħallsux dwana.** ____________________

____________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (5 marki)

Żewġ għalliema se jieħdu l-klassi tagħkom ġurnata baħar. Huma tawkom ħames struzzjonijiet dwar din il-ġurnata. Aħseb dwarhom u iktibhom.



- ____________________
- ____________________
- ____________________
- ____________________
- ____________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (8 marki)

**PERSONALITAJIET**

Ikteb dwar personaġġ li għoġbok l-iżjed meta fittixt dwaru għall-proġett ta' din is-sena billi twieġeb il-mistoqsijiet.

1. Isem il-personaġġ - ____________________ (1)
2. Għalxiex baqa' jissemma? - ____________________

____________________ (1)

3. Agħti tagħrif fil-qosor (madwar 40 kelma) dwar ħajjet dan il-personaġġ.

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________ (6)

## F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA – NADRIET 2 (15-il marka)

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**It-Tokki Tal-Paternoster** ta' Achille Mizzi



Fejn hu l-Paternoster
nann … ?
u l-kafè fl-istanjata
jgħanni
is-sħana tal-friex
irdussat ?
Fejn hu l-Paternoster
li jgerrex
bis-setgħat
tal-kampnari mirjieħa
l-għefiered
li jħufu
fid-dalma tal-lejl?

1. Din il-poeżija hija ______________________________ (apostrofi, dikjarazzjoni) (1)
2. Il-verb *jgħanni* huwa ____________________________ (similtudni, personifikazzjoni) (1)
3. Din il-poeżija fiha __________________________________ (mistoqsija retorika, ironija) (1)
4. Din il-poeżija hija miktuba bi stil ______________________ (tradizzjonali, modern) (1)
5. Xi jrid jgħid il-poeta meta kiteb din il-poeżija ? _______________________________________
_______________________________________________________________________________
_______________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________ (4)

6. **Wieġeb**:

a) Il-poeżija Ġ*ejja X-Xita* ta' Mary Meilak hija poeżija __________________________________.
(deskrittiva, ballata) (1)

b) X'għamel il-barri hekk kif daħal fil-biċċerija fil-poeżija *Il-Barri* ta' Ġorġ Pisani?
____________________________________________ (1)

ċ) *Il-Barri* hija poeżija ___________________________. (argumentattiva, sentimentali) (1)

d) *Id-Dwejra* ta' Joe Friggieri u *Gelmus* ta' Ġorġ Zammit jaqblu f'xi ħaġa bejniethom. X'inhi?
_____________________________________________________________________________ (1)

e) Il-poeżiji *Il-Ħajku* ta' Anton Buttigieg huma ___________________. (konċiżi, twal) (1)

f) Fil-poeżija *Ballata* ta' Rużar Briffa, għaliex il-maqdes ittabba' bid-demm? ______________
_____________________________________________________________________________ (1)

ġ) Is-sunett *Wied Qirda* ta' Dun Karm ifakkarna fi _________________________________.
(ġrajja storika, ġrajja immaġinattiva) (1)

## F. (ii) LETTERATURA – PROŻA (16-il marka)

**Wieġeb A u B**

**A. Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit

### Aħlef U Għid Is-Sewwa

Wieġeb il-mistoqsijiet wara li taqra sewwa s-silta.

Malli ħarġet lemħet lil Marì tal-Lewżu u li ma resaqx quddiemhom Pawlu l-kuntistabbli kienet tħebb għaliha. Idejha f'wiċċ dawk li ġew magħha, Dolor ħamra daqs il-qroll, għarqana, imbergħna, infexxet tibki… "Dik il-misħuta ta' Marì, dik il-lablaba, dik is-sensafidi… miegħi għandha tagħmilha; ma nistrieħx qabel ma neħdilha l-ġewża ta' għonqha… Ħalli toħroġ."

1. Ikteb frażi jew kelma li turi kemm Dolor kienet irrabjata għal Marì tal-Lewżu. _____________
_____________________________________________ (1)

2. Għaliex Dolor kienet irrabjata daqshekk għal Marì tal-Lewżu u sejħitilha *lablaba* ?

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________ (2)

3. Tixtieq li inti kont tgħix fiż-żmien ta' l-istorja *Aħlef U Għid Is-Sewwa* ? Għid għaliex.

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________ (3)

**B. ĦOLM TAL-MILIED**? ta' Trevor Żahra

## Agħżel 1 JEW 2

1. Aqra sewwa s-silta u wieġeb :

Meta z-zija u n-nanna Franġiska raw li Leli kien ilu tlitt ijiem ma jmur jarahom, bdew jitħassbu u minnufih iz-zija Anni marret għandhom biex tara x'inqala'. Għall-ewwel Rożina ppruvat tbellagħhielha li kull ma kellu kienet biss daqsxejn ta' l-influwenza. Iżda minkejja li z-zija Anni ma kienet tifhem xejn fil-mard, intebħet minnufih li t-telqa li kellu Leli ma kinitx xi ħaġa tas-soltu. U meta din bdiet tissikka lil oħtha u tixliha li kienet qed taħbilha xi ħaġa, Rożina nfexxet tibki u kellha tgħidilha b'kollox.

a) Ikteb 3 frażijiet mis-silta li juru li s-sitwazzjoni kienet waħda ta' dwejjaq.

i) ______________________________

ii) ______________________________

iii) ______________________________ (3)

b) F'madwar seba' linji ikteb dwar il-marda ta' Leli minn meta lil Leli beda jitlagħlu d-deni sa meta missieru qara dwar il-marda li ħakmet lil ibnu. (Ikteb fuq karta separata) (7)

**JEW**

2. Aqra sewwa s-silta u wieġeb :

Sebaħ lejlet il-Milied fil-għodu. Kmieni mas-sebħ kullimkien kien mimli ċpar, imma malli nefħet ix-xemx kollox inħall fix-xejn u s-sema ssaffa. Ħareġ bnazzi jgħammex: taħlita kurjuża bejn is-Sajf ta' San Martin u l-bidu t'April. Il-professur daħal jiġri fis-sala bi tliet tobba – studenti jaqbżu warajh. Ħdejn is-sodda ta' Leli ġa kien hemm żewġ infermiera weqfin iħarsu. Leli kien bil-qiegħda ġos-sodda. Wiċċu kien reġa' kiseb il-lewn ta' dari u tella' l-wardiet . Għajnejh kienu kbar u jleqqu bħas-smewwiet ta' dik il-għodwa. La kien muġugħ, la kellu qtigħ ta' nifs u lanqas nefħa f'għonqu.

a) Ikteb 3 frażijiet mis-silta li juru li s-sitwazzjoni kienet waħda ta' ferħ.

i) ______________________________

ii) ______________________________

iii) ______________________________ (3)

b) F'madwar seba' linji ikteb dwar il-fejqan ta' Leli minn meta daħal jarah it-tabib u sabu fuq tiegħu sa qabel Leli qabad jirrakkonta fuq dak li għadda minnu waqt il-marda. (Ikteb fuq karta separata) (7)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Ħriġt għall-ewwel darba mal-ħbieb flok mal-ġenituri!
2. …u dik il-ġurnata mhix ta' min jinsieha!
3. Irrakkonta esperjenza personali sabiħa li kellek matul din is-sena skolastika.
4. Ikteb dwarek innifsek.
5. Mort nara film meta fid-daqqa u l-ħin, inqata' d-dawl u …